MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Talba Numru. 628/2013

**Albert F. S. Manduca Limited**
**C-247**

**vs**

**Cutajar Anthony**
**ID-624461-(M)**
**taht l-isem kummercjali *'La Palma Bar'***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u ghoxrin euro u wiehed u tletin centezmi (€1,120.31c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata izda mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mill-i*statements* annessi u mmarkati bhala Dok.A.

Bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u ghoxrin euro u wiehed u tletin centezmi (€1,120.31c).

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------